MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SITT LEĠISLATURA 2008 - 2011

SEDUTA NUMRU 12

IT-TLIETA 21 TA' LULJU 2009 FIL-5.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

PREŻENTI

| | |
|---|---|
| ANTOINETTE VASSALLO | SINDKU |
| ANTHONY FARRUGIA | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |

TALBA

IS-SINDKU QALET IT-TALBA

## I APPROVAZZJONI TA' MINUTI

i Is-Sindku A. Vassallo pproponiet li l-Minuti tas-Seduta Numru 10 nkluż l-aġġornament jiġu approvati. Il-Kunsillier E. Muscat issekonda. Dawn ġew approvati unanimament.

ii Is-Sindku A. Vassallo pproponiet ukoll li jiġu approvati l-minuti tas-Seduta Numru 11. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ssekonda. Dawn ukoll ġew approvati unanimament.

iii Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

i Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kont tad-dawl li kien pendenti mad-Dhalia ġie *settled*. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li x-xogħlijiet fuq l-arloġġ tad-dawl għadhom ma ġewx finalizzati. Il-Kunsillier E. Muscat ħa l-inkarigu li jkellem lill-*electrician* dwar dan.

ii Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-proġett 2ools u infurmat li r-rapport dwar din l-attivita' tlesta u ntbgħat biex il-Kunsill jiġi allokat il-kumplament tal-fondi.

iii Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ADT għada ma ħarġitx in-*no objection* dwar il-proġett tal-*junction*. Il-Kunsillier E. Muscat qal li hu tkellem mal-Perit Vassallo dwar dan u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex terġa' tibgħatlu ittra oħra dwar din il-materja. Il-Kunsill ġie infurmat li din intbgħatet immedjatament.

iv Ġie rrappurtat li l-*mobile kiosk* tal-ġelat li hemm fil-Marina xorta qed jarma s-siġġijiet u l-imwejjed barra kif ukoll żewġ *fridges* minkejja li dan ma ngħatax permess mill-Kunsill. Il-Kunsill talab li jsir rapport lill-pulizija dwar dan.

| | |
|---|---|
| Antoinette Vassallo | Marisa Pisani |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ... )

v Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li tkellmet mal-Inġinier R. Curmi dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-EU application biex nakkwistaw fondi mill-EU (energy saving). Hlja qalet li dan qed jaħdem fuqhom u se jagħmel laqgħa mal-Kunsill meta d-dokument ikun lest. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li hu kellu kuntatt mas-Sur Cyrus Engerer tal-OPM dwar l-istess materja u dan qed jgħin biex jiġi kkompilat d-dokument ta' l-applikazzjoni. Huwa kkumenta wkoll li l-perjodu li jingħata biex tiġi sottomessa l-applikazzjoni huwa wieħed qasir u għalhekk il-Kunsill irid ikun ippreparat.

vi Dwar l-applikazzjonijiet għal-fondi mill-Ewropa is-Sindku nfurmat li kellmet ma Ms. Maria Schembri tal-MEUSAC dwar dan u se tagħmel laqgħa magħha fil-jiem li ġejjien.

vii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-arranġamenti għaż-żjara li l-Kunsill se jagħmel f'Ilioupoli saru u fil-jiem li ġejjien għandu jintbgħat il-program. Ġie approvat ukoll li ssir polza tas-sigurta' għal waqt iż-żjara.

viii Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti ppreżenta kwotazzjoni tal-*Global Insurance Brokers* dwar polza tas-sigurta li tkopri l-*public liability*, Huwa ddikjara interess pekunjarju u ħareġ il-barra mis-seduta waqt li kienet qed tiġi diskussa din il-materja. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja. Is-Sindku A. Vassallo ppropuniet li din tiġi aċċettata. Il-Kunsillier F. Roe issekonda. Kien hemm vot unanimu dwar dan.

ix Il-Kunsill ġie nfurmat li l-ex Kappillan Victor Mallia bħalissa jinsab Malta. Il-Kunsill għamel kuntatt miegħu (telefoniku) dwar l-għotja ta' Ġieħ Ta' Xbiex. Ġie deċiż li nżommu kuntatt ma' Fr. Victor biex dan jiġi ppreżentat meta dan jerġa' ikun Malta.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli … )

x Is-Sindku nfurmat li l-klassijiet tas-sajf għat-tfal bdew u qed isiru kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa. Hija rrappurtat li it-Tnejn qed issir klassi tal-arti mill-istess għalliema li kellna fis-snin li għaddew. HIja qalet li din aċċettat li minflok siegħa tagħti servizz ta' sagħtejn bl-istess rata. Is-Sindku rrappurtat ukoll li nġabru kwotazzjonijiet għax-xiri ta' television biex jintuża wkoll waqt din l-attivita'. Il-Kunsill approva dak tal-Grundig.

xi Inqrat ir-risposta tad-Dipartiment dwar it-*tender* tas-Servizzi ta' *Contract Manager* fejn ġie stabbilit li la l-offerta fiha dokumenti neqsin din ma tistax tiġi kkunsidrata bħala valida. Is-Sindku qalet li l-*contract manager* preżenti meta jinqalgħu emerġenzi dejjem ikun disponibbli peress li joqgħod viċin il-Kunsill. Hija qalet ukoll li peress li tqajjmu dubji dwar il-proċess tat-tender ikun aħjar jekk terġa' ssir sejħa għall-offerti mill-ġdid. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li l-Kunsill għandu joqgħod attent li ma jkunx qed jikser il-Liġl u jiġi mfittex jekk jieħu din id-deċiżjoni. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li nergħu nieħdu ruling mid-Dipartiment dwar dan.

xii Il-Kunsill ġie nfurmat li xi residenti talbu li ssir tabella dwar l-itlajjar mal-ħajt tal-*ex bowling alley*. Is-Sindku ħadet l-inkarigu li tindaga dwar dan.

xiii Is-Sindku rrappurtat li l-Kuntratt mal-Green MT ġie ffirmat.

xiv Il-Kunsill ġie nfurmat li l-kaxxa tad-dawl fi Triq il-Ħalġ kienet ta' periklu u għalhekk ġiet mibdula.

xv Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-approvazzjoni tal-ADT dwar il-*one way* fi Triq U. Mifsud trid tiġi mplimentata fi żmien xahrejn. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u ġie deċiż li tintalab estenzjoni sabiex din tiġi mplimentata mall-iskema tal-immaniġjar tat-traffiku li qed tinħadem f'din iż-żona.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## II PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI (jkompli ... )

xvi Il-Kunsill iddiskuta l-proġett tal-energy saving u ġie deċiż li s-Sindku tagħmel laqgħa mal-Inġinier R. Curmi biex il-Kunsill jingħata parir dwar fejn hu l-aħjar post li jitpoġġew il-*panels*.

xvii Il-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħlijiet fuq il-ħajt ta' taħt ir-Rampa sar mill-ADT.

xviii Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni biex żgħażagħ mill-Lokalita' jipparteċipaw fil-Parlament taż-Żgħażagħ saret u kien hemm biss applikant wieħed.

## III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

i Is-Sindku nfurmat li tkellmet mas-Sur Ġ. Bonello du Puis dwar il-*containers* li tpoġġew fil-Marina. Hlja qalet li wieħed ilu hemm minn Mejju u l-ieħor minn l-aħħar ta' Ġunju 2009. Is-Sindku nfurmat li dawn qed jitolbu skont fuq ir-rata li jridu jħallsu peress li l-ammont huwa wieħed sostanzjali. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li jekk dawn jingħataw skont dan irrid ikun ta' 50% kif ingħata lil oħrajn. Ġie deċiz li ssir laqgħa bejn is-sur Bonello de Puis u l-Kunsill.

ii Is-Sindku rrappurtat li l-ħidma fuq il-*magazine* bdiet u li fil-jiem li ġejjien se tagħmel laqgħa tal-bord editorjali.

iii Il-Kunsill ġie nfurmat li kemm tal-*Football Club* kif ukoll il-Metropolis m'għamlu l-ebda pagament din is-sena. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Avukat diġa' kiteb diversi drabi dwar dan lill-individwi. Ġie deċiż unanimament li tinfetaħ kawża fil-Qorti.

iv Is-Sindku rreferiet għal-memo dwar iskema Inizjattivi ta' Attivitajiet 2010 li ġiet iċċirkulata minn qabel lill-Kunsilliera. Ġie deċiż li din il-materja ssir laqgħa ad hoc.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

III KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU (jkompli...)

v Is-Sindku rreferiet għall-Audit Report dwar il-Kumitat Konġunt għall-Infurzar Lokali liema rapport ġie ċċirkulat minn qabel lill-Kunsilliera. Hija rrappurtat li l-KK għamel riserva ta' 3 xhur pagamenti u qassam pagament ieħor lil Kunsilli rispettivi. Hija qalet li l-Kunsill ta' Ta' Xbiex ħa s-somma ta' Euro5352. Ġie rrappurtat ukoll li l-Avviż Legali dwar l-iskema ta' ipparkjar għar-residenti għadu ma ġiex iffirmat.

IV MOZZJONIJIET

i **Mozzjoni Numru 8**

**Suġġett:** **Ġemellaġġi**

**Proposta minn** **A. Cachia Castelletti, Kunsillier**
**Issekondata minn** **E. Muscat, Kunsillier**

Il-Kunsilier A. Cachia Castelletti qal li l-għan ta' din il-mozzjoni hu li ssir ħidma kollettiva f'oqsma li huma komuni għal partijiet involuti. Huwa qal li d'dan il-ftehim ikun hemm aktar potenzjal li nakkwistaw fondi fill-EU kif ukoll li tista' ssir kordinazzjoni fl-operat tal-Kunsilli fejn hu komuni għat-3 lokalitajiet. Il-Kunsillier F. Roe qal li, peress li fl-emendi tal-Liġi se jiġu mwaqqfa Kunsilli Reżjonali, il-Kunsill għandu jistenna sakemm ikun stabbilit se jkun ir-rwol tagħhom. Il-Kunsillier E. Muscat qal li permezz ta' dan il-ftehim hemm benefiċċji oħra li l-Kunsilli jistgħu jiksbu bħal attivitajiet kulturali u soċjali. Is-Sindku A. Vassallo qalet li, għalkemm hi taqbel fil-prinċipju ma din il-proposta, għalissa mhux il-mument li l-Kunsill jingħaqad ma Kunsilli speċifiċi. Hija qalet ukoll li biex issir ħidma f'oqsma komuni m'hemmx għalfejn li l-Kunsill joqgħod jagħmel ġemellaġġ iżda jista' jagħmel ftehim dwar ħidma speċifika. Il-Kunsillier A. Cachia Castelletti qal li din il-mozzjoni hija ċ-ċavetta biex jinbdew in-negozjati u jinħatar sotto-kumitat biex ikun jista' jaħdem fl-interess tal-lokalitajiet. Is-Sindku qalet li bħala *Chairman* tal-Kumitat il-Kunsillier Cachia Castelletti jista' jindaga mal-Kunsilli l-oħra dwar din il-materja. Ġie deċiż li din il-mozzjoni tkompli tiġi diskussa f'laqgħa oħra.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

## V RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

i Il-Kunsillier F. Roe irrapporta li fil-kantuniera ta' quddiem il-Mamma Mia qed jipparkjaw il-karozzi u joħolqu periklu għal-persuni li jkunu neżlin bil-mixi lejn ix-Xatt. Il-Kunsill talab li nitolbu lill-ADT jagħmlu *site visit* biex jiġi identifikat x'miżur jistgħu jittieħdu biex jitneħħa dan il-periklu.

ii Il-Kunsillier E. Muscat irrapporta li t-*traffic calmer* li hemm fi Triq il-Maskli qed iddejjaq lir-residenti u ppropona li għandha titressaq Is-Sindku qalet li l-Kunsill ma wasal l-ebda lment dwar dan. Hija ħadet l-inkarigu li tindaga dwar din il-materja.

iii Il-Viċl Sindku A. Farrugia ppropona li Triq Qasam Bini tal-Gvern tissemma' għal Matthew Psaila.

iv Il-Kunsillier E Muscat irrapporta li l-ħajt tar-Rampa reġa' imtela bil-kappar kif ukoll li s-siġra tal-ficus kibret ħafna u qiegħda maħruġa l-barra. Il-Kunsillier A Cachia Castelletti ssekonda dan u rrapporta wkoll li l-*boathouses* li hemm fix-Xatt qed jiġu wżati bħala residenzi tas-sajf. Huwa ġibed l-attenzjoni li s-sidien qed jipparkjaw il-karozzi fuq il-bankina u jostakolaw l-aċċess. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet l-inkarigu li tieħu azzjoni dwar dan.

v Il-Kunsillier F. Roe irrapporta li l-bieb tal-boundary wall fi Triq Ġ. Cali li kien insteraq għadu ma tpoġġiex lura. Huwa qal li fl-għalqa reġa' hemm ħafna ħmieġ u qed isiru l-abbużi. Is-Sindku nfurmat li hi kkuntattjat lis-sid kif ukoll lill-Pulizija u lil tas-sanita' dwar il-każ.

## VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

i Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat il-kwotazzjoni tal-Gala għax-xiri tal-*air condition* għal *computer lab*. Din kienet tinkorpora offerta ghal 18btu's u 24 btu's. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-technician irrakkomanda li dan ma jkunx inqas minn 18 btu's. Hija talbet li l-Kunsill jiddeċiedi liema wieħed għandu jinxtara. Il-Kunsillier E. Muscat qal li l-Kunsill għandu jikkunsidra wkoll li jiġu nstallati 2 ta' 12 btu's.

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv

**VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV (jkompli…)**

ii Il-Kunsill unanimament approva x-xiri ta' 4 laptops għall-użu tal-Kunsilliera mingħand is-C Tronics.

**VI APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI**

i Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti kif ukoll il-*petty cash*.

ii Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat rapport għal pagament tal-*bulky refuse* għas-sena 2008 (Jan-June). Hija qalet li dawn ġew iċċekjati mill-iskrivani mal-lista ta' rikjesti u nħadem il-pagament dovut. Dan minħabba li l-kuntrattur ippreżenta l-invoices sena wara li ngħata s-servizz minkejja li kemm il-darba ġie avviċinat. Il-pagament ġie approvat unanimament.

**Il-Laqgħa spiċċat fid-9.30pm. u sar aġġornament għal nhar it-Tlieta 18 ta' Awissu 2009 fil-5.00p.m.**

Antoinette Vassallo
Sindku

Marisa Pisani
Segretarju Eżekuttiv